MALTA

# TRIBUNAL GHAL TALBIET ZGHAR

**GUDIKATUR DR.
ANTHONY ELLUL**

Seduta tat-12 ta' Frar, 2003

Talba Numru. 851/2002/1

**Alex Mercieca**

**Vs**

**David Coleiro u Stoneleigh & Co Limited**

**It-Tribunal,**

Ra l-avviz tat-talba li permezz tieghu l-attur talab il-hlas tas-somma ta’ mija u ghaxar liri Maltin (Lm110) import ta’ cekk mahrug mis-socjeta konvenuta u girat favur l-attur mill-konvenut David Coleiro.

Ra li mill-atti jirrizulta li ghalkemm il-konvenut David Coleiro gie debitament notifikat, ma kkontestax il-kawza fit-terminu preskritt mil-ligi u lanqas deher ghas-seduti.

Ra r-risposta tas-socjeta konvenuta li permezz taghha eccepiet:

1. Li s-socjeta konvenuta m'ghandha l-ebda interess guridiku fil-kawza peress li qatt ma ghamlet ftehim jew negozju ma' l-attur u l-hlas huwa dovut minn David Coleiro.

2. Is-socjeta konvenuta hallset lill-konvenut l-iehor is-somma ta' mija u ghaxar liri Maltin [Lm110]

3. Il-ligi ma tippermettix u ma tirregolax il-gira ta' cekk.

4. L-attur naqas milli jsarraf ic-cekk fiz-zmien ta' tlett ijiem mid-data tieghu u ghalhekk ma jistax idur kontra s-socjeta konvenuta ghall-hlas.

Semgha x-xhieda li ressqu l-partijiet.
Ra l-atti.

Semgha t-trattazzjoni ta' l-avukati difensuri.

1. Il-fatti tal-kaz huma s-segwenti:

(a) L-attur ghamel negozju mal-konvenut David Coleiro. Il-mezz ta' hlas kien li dan ta' l-ahhar iggira cekk [fol. 18] favur l-attur fl-ammont ta' mija u ghaxar liri Maltin [Lm110].

(b) Ic-cekk li huwa l-meritu tal-kawza kien inhareg mis-socjeta konvenuta favur David Coleiro.

(c) Is-socjeta konvenuta kienet tixtri merkanzija minghand il-konvenut l-iehor u kienet taghtih *post dated cheques*.

(d) Il-prassi kienet li meta s-socjeta konvenuta taghmel pagament, il-konvenut David Coleiro kien jirritorna lura c-cekk li jkun thallas.

(e) Ic-cekk meritu tal-kawza huwa l-uniku wiehed li ma kienx gie ritornat mill-konvenut; *"meta jiena hallastu il-flus, tlabtu biex jaghtini lura c-cheque, u hu qalli li c-cheque ma kienx qieghed ghandu"* [fol. 27].

(f) Mill-provi rrizulta li ma kien hemm l-ebda obbligu da parti tas-socjeta konvenuta fil-konfront ta' l-attur.

2. Fil-kors tat-trattazzjoni, l-avukat difensur tas-socjeta konvenuta argumenta li dan it-Tribunal m'ghandux kompetenza biex jiddecidi fuq it-talba ta' l-attur. Permezz ta' dawn il-proceduri l-attur qieghed jitlob il-hlas ta' ammont ta' flus. M'hemm l-ebda provvediment fil-Kap. 380 li t-Tribunal ma jistax jiddecidi kawzi li jitrattaw dwar *cheques* jew per ezempju kambjali.

3. Skond l-Artikolu 260 tal-Kodici tal-Kummerc (Kap. 13):-
*"Id-disposizzjonijiet li jghoddu ghall-kambjali, u li jirrigwardaw il-gira, l-obbligazzjoni in solidum, l-avall, iz-zmien ta' l-iskadenza, il-hlas, il-hlas ghall-unur, il-protest, id-dmirjiet u l-jeddijiet tal-pussessur, u r-rikambju, ighoddu ghall-biljetti negozjabbli jew promissory notes"*.

Fil-kawza fl-ismijiet **Mikiel Farrugia vs Maggur Victor Castillo noe** [deciza fl-14 ta' April 1962 – Vol. XLVI.ii.600] inghad:- *"illi fil-verita' jinghad u jigi affermat li cheque, jekk per se ekonomikament jirraprezenta u huwa kunsidrat dak li l-awtoritajiet in materja jsejhu xiri ta' kreditu, intrinsekament mhuwiex haga'ohra hlief* ***dokument ta' kreditu****"*.

Fil-kawza fl-ismijiet **Enrico Sammut vs Vincenzo Falzon** deciza mill-Qorti ta' l-Appell fil-15 ta' Ottubru 1875 [Vol. VII.448] gie ssottolinejat:

*"E' certo che anche I cheques sopra banchieri o cassieri, quando all'ordine e sono stati negoziati per via di girata, come nel caso,* ***l'atto della girata si converte in cambiale*** *– e quindi sono applicabbili a siffatti cheques le regole concernanti per mancanza di pagamento, quando non sono debitamente pagati, come nel caso di una cambiale"*.

L-insenjament espress f'din is-sentenza gie applikat f'sentenzi ohra. Hekk per ezempju:

- **Antoine Deguara vs Walter George Wicker** deciza mill-Qorti tal-Kummerc fit-3 ta' Mejju 1955 – Vol. XXXIX.iii.853;

- **John Charles Dennison noe vs Salvatore Tonna** deciza mill-Qorti ta' l-Appell fit-30 ta' Novembru 1926;

- **Marlene Vella et vs Avukat Dottor Antoine Gambin et** deciza mill-Prim'Awla tal-Qorti Civili fis-26 ta' April 2001 fejn il-Qorti ddikjarat li: ***"f'materja ta' cheques il-ligi applikabbli, fl-istat kif l-istess tinsab promulgata, hyija dik il-ligi tal-kambjali stess"***.

Imbaghad, skond l-Artikolu 168 tal-Kodici tal-Kummerc [Kap. 13]:-
*"dawk kollha li jiffirmaw, jaccettaw jew idawru kambjala, huma obbligati in solidum ghall-garanzija lejn il-pussessur"*.

4. Is-socjeta konvenuta, bhala l-parti li ffirmat ic-*cheque* hija responsabbli ghall-hlas tieghu flimkien mal-konvenut l-iehor bhala l-persuna li ggirat ic-cheque. Madankollu, fil-kors tat-trattazzjoni s-socjeta konvenuta eccepiet li l-hlas ma jistax jintalab fil-konfront taghha peress li ma giex protestat. Is-sentenzi huma fis-sens li l-protest m'huwiex necessarju meta l-kambjali ma tkunx giet negozjata (ara per ezempju **Gatt vs Bartolo** [Vol. XXX.iii.416]; **F. Mercieca & Sons Mobili Limited vs George Borg u Seaborg Company Limited** deciza mill-Prim'Awla tal-Qorti Civili fil-5 ta' Ottubru 2001 u **Ocean Way Company Limited vs L'Onda Limited et** deciza mill-Qorti ta' l-Appell fil-5 ta' Dicembru 2001). Mhux l-istess fejn ic-*cheque* ikun gie negozjat. Fis-sentenza Enrico Sammut vs Vincenzo Falzon et [Vol. VII.448] il-Qorti ta' l-Appell esprimiet ruhha fis-sens li fejn ic-cekk ikun gie negozjat u ma jkunx wara gie protestat, ***"non vi e' luogo all'esercizio dei diritti di regresso contro l giranti"***. Bl-applikazzjoni ta' l-Artikoli dwar il-protest dan

il-principju ghandu japplika wkoll ghal min bhas-socjeta konvenuta jkun hareg ic-cekk [ara b'mod partikolari l-Artikoli 226, 236 u 251 tal-Kodici tal-Kummerc – Kap. 13]. Mill-provi ma rrizultax li l-attur ipprotesta n-nuqqas ta' hlas ta' cekk u/jew ic-cekk gie girat bil-kliem *"without protest"*.

5. Madankollu l-konvenut David Coleiro huwa xorta responsabbli ghall-hlas. Is-somma ta' mija u ghaxar liri Maltin (Lm110) qeghda tintalab b'riferenza ghall-negozju li kien jikkonsisti f'bejgh ta' merkanzija lil David Coleiro. Mill-provi rrizulta ampjament li l-konvenut baqa' ma hallasx il-prezz u ghalhekk ghandu jinstab responsabbli ghall-hlas. It-Tribunal m'huwiex ser joqghod jintilef fil-kwistjoni dwar x'tip ta' azzjoni saret mill-attur ghalkemm minn qari ta' l-avviz tat-talba jidher li huwa qieghed jezercita l-azzjoni naxxenti minn *cheque*, u dan peress li l-kawzi quddiemu ghandhom jigu decizi fuq bazi ta' ekwita u b'dan il-mod qieghed jigi accertat li ssehh gustizzja u l-konvenut David Coleiro ma jahrabx mill-obbligi tieghu. F'kull kaz ic-cheque moghti minn David Coleiro kien forma ta' pagament u li jigi kompletat biss meta c-cheque jigi msarraf.

Ghal dawn il-motivi, it-Tribunal jaqta' u jiddecidi l-kawza billi jikkundanna lill-konvenut David Coleiro jhallas lill-attur is-somma ta' mija u ghaxar liri Maltin [Lm110], filwaqt li jichad it-talba in kwantu din hija diretta fil-konfront tas-socjeta konvenuta.

Bl-ispejjez kollha [mhux inkluzi d-drittijiet legali] kontra l-konvenut David Coleiro.

**Avukat Dr. Anthony Ellul**
**Gudikatur.**

---------------------------------TMIEM---------------------------------